

Brussell, 6 ta' Marzu 2017
(OR. en)

6756/17

CO EUR-PREP 11
POLGEN 19
ECOFIN 158
UEM 61
SOC 154
EMPL 117
COMPET 151
ENV 201
EDUC 96
RECH 85
ENER 93
JAI 177

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Semestru Ewropew - Rapport ta' sinteżi 2017

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-rapport ta' sinteżi mħejji mill-Presidenza dwar id-diskussjonijiet u l-messaġġi politiċi ewlenin tal-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill b'rabta mas-Semestru Ewropew tal-2017.

Introduzzjoni

L-ekonomija Ewropea għaddejja minn irkupru moderat u b'żieda relattivament kbira fl-impjiegi, li reċentement wera ċerta reżiljenza kontra l-isfidi globali. Skont l-aħħar Tbassir tax-Xitwa mill-Kummissjoni, it-28 Stat Membru kollha mistennija jikbru fl-2016, l-2017 u l-2018. Madankollu, minkejja dawn l-iżviluppi pożittivi, l-irkupru għadu soġġett għal livell għoli ta' inċertezza, l-attività ta' investiment għadha dgħajfa, il-qgħad u l-livelli ta' dejn pubbliku għadhom għoljin ħafna f'xi reġjuni, u l-prestazzjoni ekonomika mqassma b'mod inugwali, bi problemi strutturali sostanzjali jxekklu t-tkabbir f'xi Stati Membri.

B'konsegwenza ta' dan, azzjoni ta' politika deċiżiva u kkoordinata kif ukoll implimentazzjoni rapida tar-riformi huma essenzjali biex jissaħħaħ l-irkupru li għaddej, biex jingħata kontribut għall-ħolqien tax-xogħol, u biex jinkiseb tkabbir fit-tul sostenibbli u inklużiv.

Is-Semestru Ewropew tal-2017, li jibni fuq għadd ta' titjib u innovazzjonijiet proċedurali li saru matul l-aħħar żewġ ċikli, għandu l-għan li jikkoordina l-politika ekonomika u soċjali mal-Unjoni Ewropea kollha sabiex jinkiseb kemm jista' jkun progress f'dawn il-prijoritajiet. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017, il-punt tat-tluq tas-Semestru Ewropew, jistabbilixxi l-prijoritajiet ekonomiċi u soċjali ġenerali għall-Unjoni Ewropea fis-sena attwali.

Bħal fis-snin ta' qabel, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-pakkett tas-Semestru Ewropew tal-2017. Fuq l-inizjattiva tal-Presidenza, il-Ministri kellhom ukoll dibattiti tematiċi dwar diversi suġġetti marbutin mas-Semestru Ewropew f'konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-Presidenza (fl-14 ta' Frar 2017) ħadet sehem f'dibattitu dwar is-Semestru Ewropew fil-Parlament Ewropew. Dan ir-rapport ta' sinteżi jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet u r-riżultati tad-diskussjonijiet li saru fil-Kunsill waqt l-ewwel fażi tas-Semestru Ewropew tal-2017.

Il-Pakkett tas-Semestru Ewropew tal-2017

Fis-16 ta' Novembru 2016 il-Kummissjoni adottat il-'Pakkett tal-Ħarifa' għas-Semestru Ewropew, li kien jinkludi:

- l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017 ([14357/16](#));
- l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi mill-Kummissjoni u mill-Kunsill, li janalizza s-sitwazzjoni tax-xogħol u dik soċjali fl-Ewropa u r-rispons ta' politika mill-Istati Membri ([14364/16](#));
- ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2017 ([14359/16](#));
- ir-'rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro' (*Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro*) ([14358/16](#)), akkumpanjata għall-ewwel darba mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Lejn pożizzjoni fiskali pożittiva għaż-żona tal-euro' ([14630/16](#)), li tikkonċentra fuq il-ħtieġa għal pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2017 u tistieden lill-Istati Membru b'riżultati aħjar mill-oġettivi tagħhom fuq perijodu medju biex jużaw b'mod espliċitu l-ispazju fiskali tagħhom. Fit-22 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni lestiet il-pakkett bil-pubblikazzjoni ta' rapport dwar iż-żona tal-euro (dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja l-abbozz ta' rakkomandazzjoni liż-żona tal-euro).

Il-Kunsill jilqa' l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017 tal-Kummissjoni u b'mod ġenerali jaqbel mal-analiżi tagħha tal-qagħda ekonomika u l-isfidi ta' politika fl-UE. B'kontinwazzjoni tal-istrateġija ekonomika segwita fl-aħħar żewġ ċikli tas-Semestru Ewropew, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir iżomm l-attenzjoni fuq it-triangolu virtuż ta' investiment, riformi strutturali u finanzi pubbliċi responsabbli. Minħabba li dawn it-tliet prioritajiet huma marbutin mill-qrib ma' xulxin u jsaħħu lil xulxin, huwa kruċjali approċċ integrat kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll dak tal-UE għall-kisba ta' tkabbir inklużiv u żvilupp ekonomiku sostenibbli kif ukoll għat-tiġid tal-ambjent soċjoekonomiku għal Ewropa aħjar.

L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi hija fil-qalba tas-Semestru Ewropew. Filwaqt li kien hemm xi progress, aktar titjib fir-rekord tal-implimentazzjoni tar-riformi jagħmel lis-Semestru Ewropew strument aktar b'saħħtu fil-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi madwar l-UE, filwaqt li jippermettilu jagħti kontribut aktar effettiv għall-konverġenza fost l-Istati Membri kollha u għal żvilupp ekonomiku u soċjali b'saħħtu tal-UE kollha kemm hi. Għaldaqstant, hu essenzjali li wieħed jistinka għal implimentazzjoni mtejba tar-riformi billi tinqasam l-esperjenza marbuta ma' sfidi komuni u l-aħjar prattiki, tiġi sorveljata mill-qrib l-implimentazzjoni tar-riformi, u jissaħħa id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali sabiex tiżdied is-sjieda tagħhom.

Tkabbir, kompetittività, u sostenibbiltà fiskali

Fuq il-bażi tal-'Pakkett tal-Ħarifa', il-Kunsill iddiskuta l-prijoritajiet ekonomiċi tiegħu għas-Semestru Ewropew tal-2017. Filwaqt li l-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) ittratta firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħal modi biex jissaħħa l-irkupru u tiżdied il-produttività, oqsma urġenti għar-riformi strutturali, kif ukoll is-sostenibbiltà fiskali u l-iżbilanċi makroekonomiċi potenzjali, il-Kunsill Kompetittività kkonċentra fuq aspekk speċifiku tal-politika ekonomika f'dibattitu tematiku dwar l-akkwist pubbliku, suġġett li hu ta' rilevanza kbira għall-effiċjenza u l-kwalità tal-infiq tal-gvern.

Il-Kunsill ECOFIN (fis-27 ta' Jannar 2017) adotta konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir¹ u dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija², u approva l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³. Il-Ministri b'mod ġenerali qablu mal-analiżi tal-Kummissjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u l-isfidi ta' politika fl-UE u qablu li l-oqsma ġenerali ta' prijorità ta' politika għandhom ikunu li tingħata spinta lill-investment, jitwettqu riformi strutturali u jiġu implimentati politiki fiskali responsabbli. Dawn il-prijoritajiet għandhom jiġu implimentati b'mod integrat kemm fil-livell tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri biex jiġu żgurati tkabbir inklużiv u żvilupp ekonomiku sostenibbli.

¹ [5734/17](#) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017 (ECOFIN)

² [5735/17](#) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2017 (ECOFIN)

³ [5194/17](#) Rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

Il-Kunsill għaraf li hemm hteġa urġenti li tingħata spinta lill-investment billi jittejjeb l-ambjent ġenerali għall-investment sabiex jissaħħa l-irkupru ekonomiku tal-UE, u biex jiżdiedu l-produttività u l-potenzjal ta' tkabbir. Għal dan il-għan, l-Istati Membri mħeġġa jindirizzaw ostakli nazzjonali u transkonfinali għall-investment, li għadd minnhom ġew indikati fil-konklużjonijiet dwar l-indirizzar tal-ostakli għall-investment⁴ adottati fis-6 ta' Diċembru 2016. Fl-istess laqgħa, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta biex il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi jiġi estiż kemm f'termini ta' tul ta' żmien kif ukoll ta' kapaċità finanzjarja li ser tgħin biex jiġu mmobilizzati aktar investimenti fl-UE. Fid-dawl tal-livell għoli ta' self improduttiv, l-effiċjenza tal-oqfsa nazzjonali ta' insolvenza trid tkompli tittejjeb u jeħtieġ li tiġi żviluppata u implimentata strateġija effettiva biex jiġu indirizzati r-riskji ta' vijabbiltà fis-settur bankarju f'xi Stati Membri.

B'rabta mar-riformi strutturali, il-Ministri saħqu dwar l-importanza tar-riformi fis-swieq tal-prodotti biex jiżdied it-tkabbir potenzjali u tittejjeb il-kapaċità ta' aġġustament tal-ekonomija. Huma qablu b'mod ġenerali mal-fehma tal-Kummissjoni li jeħtieġ li l-Istati Membri jinvestu aktar fil-ħolqien ta' kondizzjonijiet li jgħinu biex ikun hemm parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol, u taħriġ u titjib tal-ħiliet effettivi. Fl-aħħar nett, il-Kunsill enfasizza li l-prijorità għandha tkun l-ikkompletar tas-suq uniku kemm fil-prodotti kif ukoll fis-servizzi, u aktar ħidma fuq is-Suq Uniku Diġitali, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni tal-Enerġija. Barra minn hekk, l-abbozz ta' rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro approvata mill-Kunsill tappella biex tkompli l-ħidma biex titlesta l-Unjoni Bankarja u biex isir progress fl-ikkompletar tal-UEM.

Il-Ministri qablu li l-politika fiskali tal-Istati Membri għandha tiffavorixxi t-tkabbir filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn fuq perijodu itwal, inkluż permezz ta' aktar attenzjoni għall-kwalità u l-kompożizzjoni tal-baġits. B'rabta maż-żona euro, l-Istati Membri għandhom jimmiraw għal pożizzjoni fiskali aggregata, li ssib bilanċ xieraq bejn il-hteġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà u l-hteġa li jiġi appoġġat l-investment.

⁴ [15314/16](#) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tal-ostakli għall-investment identifikati taħt it-Tielet Pilastru tal-Pjan ta' Investment (ECOFIN)

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jenfasizzaw l-importanza tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki, inkluż l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi, matul is-sena kollha. Ir-rekord tal-implimentazzjoni tar-riformi jeħtieġ li jitjieb u ser jiġi diskuss mill-Kunsill f'Marzu fuq il-bażi ta' valutazzjoni bir-reqqa mill-Kummissjoni. Jiġu inkoraġġiti aktar djalogu effiċjenti u miftuħ fil-bliet kapitali bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u titjib fl-involviment tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali.

B'rabta mar-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, il-Kunsill jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni u laqa' l-progress li sar mill-Istati Membri fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi. Fl-istess ħin, il-Kunsill enfażizza li hemm bżonn aktar azzjonijiet ta' politika u qabel mal-lista ta' 13-il Stat Membru identifikati mill-Kummissjoni għal Analiżi fil-Fond (IDRs), li huma parti mir-Rapporti dwar il-Pajjiżi ppubblikati fi Frar mill-Kummissjoni.

Fl-20 ta' Frar 2017, il-Kunsill Kompetittività kellu diskussjoni tematika dwar kwistjonijiet marbutin mal-qasam tal-akkwist pubbliku fil-kuntest tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017 u s-Semestru Ewropew. Id-diskussjoni ħadet ukoll mis-sejbiet tal-ħames dibattiti li saru fil-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir, li ffukaw fuq suġġetti assoċjati mas-Suq Uniku (fost l-oħrajn l-akkwist pubbliku) u fuq l-implimentazzjoni tar-riformi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Waqf id-dibattitu, il-Ministri saħqu dwar l-importanza l-kbira tal-akkwist pubbliku bħala għodda biex tingħata spinta lill-innovazzjoni, il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli, u bħala element ewlieni fl-ikkompletar tas-suq uniku. Meta wieħed iqis li l-gvernijiet tal-UE jonfqu madwar 14% tal-PDG fuq l-akkwist pubbliku huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-akkwist jagħti l-aħjar valur għall-flus pubbliċi.

Il-Ministri qasmu esperjenzi u l-aħjar Prattiki, u identifkaw politiki ewlenin li għandhom jingħataw prijorità fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Sabiex sistema tal-akkwist pubbliku taħdem sew huwa essenzjali li l-akkwist jiġi pprofessjonalizzat kemm f'termini ta' riżorsi umani kif ukoll ta' proċessi ta' akkwist, u li tiġi promossa disponibbiltà mifruxa ta' linji gwida, seminars ta' taħriġ, u noti ta' spjegazzjoni. Bosta Ministri enfasizzaw il-potenzjali ta' akkwist strateġiku li jkollha aspetti ambjentali u soċjali jew potenzjal innovattiv matul il-proċess ta' akkwist. Il-Ministri ssottolinjaw ukoll l-importanza li jiddefinixxu u jiġbru d-data dwar l-akkwist fil-livell nazzjonali u dak tal-UE biex jitlejbu l-monitoraġġ u t-trasparenza u biex jiġu identifikati l-irregolaritajiet, iżda enfasizzaw li għandu jittnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv fuq il-kumpanniji u l-istituzzjonijiet tal-gvern. B'hekk mis-Semestru Ewropew, fejn kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku jiġu indirizzati regolarment f'Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi bi progress imħallat fl-implimentazzjoni, għandha ssir aktar enfasi fuq l-appoġġ għall-parteciċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku u fuq il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' akkwist.

Impjiegi, edukazzjoni u inklużjoni soċjali

L-aspetti soċjali qed ikollhom rwol dejjem aktar importanti fis-Semestru Ewropew, billi l-kunsiderazzjoni ta' inklużività u imparzjalità huma kruċjali għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir, huma ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha, isaħħu l-fiduċja fl-UE u jissodaw il-valuri komuni Ewropej. Dan ġie rifless ukoll fid-diskussjonijiet tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew tal-2017, b'mod partikolari matul il-laqgħat tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO) u l-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport (EYCS).

Wara skambju inizjali ta' fehmiet fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill EPSCO li sar fit-3 ta' Marzu 2017 ser ikollu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi, u b'mod partikolari dwar it-titjib tal-aċċess għas-sug tax-xogħol u t-tnaqqis tad-diverġenzi madwar l-UE, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017. Fl-istess laqgħa, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi⁵, u adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi⁶.

⁵ [6885/17](#) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (EPSCO)

⁶ 6887/17 Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi

Il-Ministri ssottolinjaw li s-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u tal-impjiegi fl-Unjoni tgiebet iżda jenħtieġu aktar sforzi biex jibqgħu jiġu indirizzati l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini tal-UE. F'dan ir-rigward, l-enfasi akbar tas-Semestru fuq aspetti soċjali u tal-impjiegi intlaqgħet tajjeb, kif ukoll l-intensifikazzjoni tad-djalogu mal-Kummissjoni, li l-ministri kienu jittamaw li ser ikompli jespandi aktar. Huma qablu li s-Semestru jipprovdi qafas adegwat biex isir progress dwar l-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri u biex isir skambju ta' esperjenzi u kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari permezz ta' reviżjonijiet bejn il-pari. Dawn jippermettu lill-Istati Membri jitgħallmu minn xulxin, filwaqt li jqisu li kull pajjiż għandu sitwazzjoni speċifika u li approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd ma japplikax. Ir-riformi strutturali jenħtieġ li jkunu inklużivi, filwaqt li jagħtu kas tas-setturi tal-popolazzjoni l-aktar fil-bżonn. Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, u b'mod aktar partikolari l-involvement effettiv tas-sħab soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' riforma, b'rispett lejn il-prattiki u l-kuntesti nazzjonali, huwa essenzjali biex jiġu ggarantiti sjieda u sens ta' ġustizzja akbar tar-riformi, kif ukoll riżultati aħjar.

F'kuntest ekonomiku li dejjem jinbidel fejn it-teknoloġija għandha rwol dejjem aktar importanti u qiegħda tittrasforma s-swieq tax-xogħol, il-Ministri enfasizzaw il-ħtieġa li jsir investiment fil-ħiliet, l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, u li tiġi żgurata l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażaġħ, tal-anzjani u ta' dawk li ilhom qiegħda fit-tul. Il-benefiċċji tal-ekonomija kollaborattiva għandhom jiġu sfruttati mingħajr ma jiġu pperikolati s-sistemi tal-protezzjoni soċjali u lanqas il-kwalità tal-impjiegi. Il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u bilanċ imtejjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja, ġew issottolinjati bħala essenzjali biex jiġi mmassimizzat il-potenzjal ekonomiku tal-forza tax-xogħol. L-indirizzar tal-faqar u l-inugwaljanzi jibqa' jixirqilhom attenzjoni speċifika, b'mod partikolari minħabba d-diverġenzi kbar fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom.

Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Frar 2017, il-Kunsill EYCS (parti tal-Edukazzjoni) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni pubbliku dwar il-kontributi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-koeżjoni soċjali u t-trawwim ta' valuri komuni Ewropej fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017. Matul id-dibattitu, il-Ministri saħqu fuq ir-rilevanza għolja ta' dan is-suġġett meta jittqies ir-rwol ċentrali li l-edukazzjoni għandha fil-bini ta' soċjetà inklużiva bbażata fuq ċittadini attivi li għandhom valuri komuni Ewropej u jħaddnu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, u d-diversità. Filwaqt li għadu objettiv ċentrali li ż-żgħażaġħ jingħataw il-ħiliet meħtieġa biex jipparteċipaw b'mod attiv fis-suk tax-xogħol, il-Ministri ssottolinjaw l-importanza dejjem akbar tal-edukazzjoni bħala għodda għall-promozzjoni tal-inklużjoni fid-diversità bbażata fuq valuri komuni, il-litteriżmu medjatiku, il-ħsieb kritiku, u l-koeżjoni soċjali b'reazzjoni għat-tendenzi ta' radikalizzazzjoni li jistgħu jwasslu għal estremiżmu vjolenti, razziżmu u intolleranza. Inizjattivi bħal dawk tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ġdid u l-programm Erasmus + ġew enfasizzati bħala simboli importanti tal-valuri Ewropej li huma essenzjali għall-iżvilupp pożittiv ta' bosta żgħażaġħ.

Fid-dawl tal-aħħar riżultati OECD PISA 2015, li juru l-impatt negattiv li d-distakki soċjoekonomiċi qed ikollhom fuq il-livell edukattiv ġenerali mil-huq tal-istudent, il-Ministri ddiskutew l-aħjar prattiki biex jingħataw edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja għal kulħadd, u b'mod partikolari biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi edukattivi billi jiġu appoġġati l-istudenti marġinalizzati, li għandhom bżonnijiet differenti u speċjali jew li huma friskju ta' tluq bikri mill-iskola u ta' privazzjoni soċjali u ekonomika, permezz ta' soluzzjonijiet individwalizzati u mfassla apposta. Il-Ministri ddikjaraw li għalhekk huwa kruċjali li l-linji politiċi dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ flimkien mas-sistemi ta' evalwazzjoni jitbiegħdu mill-approċċ ta' qafas wieħed tajjeb għal kulħadd. L-azzjonijiet ewlenin għandhom ikunu tul il-ħajja u għandhom jibdew matul it-tfulija bikrija, b'interventi meħuda hekk kif jiġu identifikati riskji jew diffikultajiet. Il-messaġġ ewleni tal-Ministri rigward dan huwa li l-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi l-oħra għandhom jingħataw biżżejjed flessibilità biex ikun hemm reazzjonijiet innovattivi għal sitwazzjonijiet speċifiċi. Madankollu, filwaqt li l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom rwol sinifikanti, hija meħtieġa firxa kbira u koordinata ta' politiki soċjali u ekonomiċi b'saħħithom biex il-koeżjoni soċjali u-inklussività jiġu ssodati b'suċċess.

Billi għalliema bi kwalifiki għoljin huma fil-qalba ta' sistema edukattiva li taħdem tajjeb, id-dibattitu ffoka wkoll fuq l-aħjar prattiki fl-appoġġ għall-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema, l-edukaturi, u persunal ieħor tat-tagħlim. Id-diskussjoni aċċentwat diversi elementi ċentrali, bħal programmi ta' taħriġ kontinwu matul il-karriera tal-għalliema, bil-ħolqien ta' pjattaformi li jiffaċilitaw u jippromwovu t-tagħlim mill-pari, u l-integrazzjoni ta' suġġetti bħall-etika, iċ-ċittadinanza, u l-politika fit-taħriġ tal-għalliema.

Ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew

Il-Kunsill iddiskuta wkoll is-Semestru Ewropew minn perspettiva ambjentali. Billi s-sistema ekonomika tiddependi ħafna mid-disponibbiltà u l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali limitati, l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija u l-avvanz tat-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi jsiru essenzjali għall-kompetittività futura u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv fit-tul.

Fit-28 ta' Frar 2017, il-Kunsill Ambjent kellu skambju ta' fehmiet dwar l-Ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew. F'dan il-kuntest, il-Ministri ddiskutew ukoll il-Komunikazzjoni *L-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali tal-UE (EIR) (5967/17 + ADD 1)* adottata mill-Kummissjoni fis-6 ta' Frar 2017. L-għan tal-EIR, u tat-28 Rapport tal-Pajjiżi li jakkumpanjaw il-Komunikazzjoni, huwa li joffru lill-Istati Membri għodda biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-politika u tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE, u li tikkontribwixxi għall-ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew.

Il-Ministri apprezżaw li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017 fih xi elementi ambjentali ewlenin. B'mod partikolari, dan jaċċentwa l-importanza ta' investiment sostenibbli u relatat mal-klima u li tiġi appoġġata t-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, li ser jgħinu ukoll biex jissaħħu t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Madankollu, xi Ministri ddispijaċihom li b'mod ġenerali, l-Istħarriġ għadu jiffa' ftit enfasi fuq aspetti ambjentali u ta' sostenibbiltà u jħalli barra għadd ta' strumenti ċentrali għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekoloġiku, inkluż l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, l-ekonomija ekoloġika, l-impjiegi ekoloġiċi, l-innovazzjoni sostenibbli, is-sinerġiji bejn l-ekonomiji ekoloġiċi u blu u l-finanzjament ekoloġiku. Barra minn hekk, il-Ministri enfasizzaw l-importanza tar-rabta mas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP) tal-Unjoni, l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-ekoloġizzazzjoni adegwata tas-Semestru Ewropew tkun ta' benefiċċju f'termini ta' tkabbir u impjiegi u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda 2030 fil-livell tal-UE. Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-komplementarjetà ta' dawn il-proċessi, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni, ġiet enfasizzata wkoll.

Il-Ministri laqgħu l-inizjattiva l-ġdida tal-Kummissjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Implimentazzjoni Ambjentali bħala għodda utli biex tgħin ittejjeb l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġislazzjoni ambjentali tal-UE fil-livell nazzjonali u tikkontribwixxi lejn l-ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew, filwaqt li ssottolinjaw il-ħtieġa li s-sejbiet fir-rapporti nazzjonali jkunu bbażati fuq data xjentifika soda. Fl-aħħar nett, il-Ministri laqgħu b'sodisfazzjoni l-opportunità pprovduta mill-EIR biex l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom fi djalogu u kooperazzjoni mal-Kummissjoni u bejniethom ("peer-to peer"), bl-għan li ssir riflessjoni dwar il-prijoritajiet rispettivi tagħhom, biex jindirizzaw l-isfidi komuni u jikkondividu l-aħjar prattiki.